il-Gżejjer

It-Tnax-il Sena

3/83



# L-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici

## Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali

Nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 1983, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici inħatar bħala Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali. Huwa ħa l-ġurament tal-ħatra u dak ta' lejaltà lejn il-Kostituzzjoni minn idejn il-President tar-Repubblika, Agatha Barbara, fil-preżenza tal-Prim Ministru Dom Mintoff u tal-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Dr Daniel Micallef. Iktar qabel il-Parlament Malti kien qabel unanimament mar-riżoluzzjoni tal-Prim Ministru Mintoff li ppropona lil Karmenu Mifsud Bonnici bħala membru parlamentari Soċjalista. Is-Sur Paul Xuereb kien irriżenja minn membru Parlamentari biex postu jieħdu Dr Mifsud Bonnici.



L-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici jieħu l-ġurament ta' Ministru.

Id-Deputat Prim Ministru Anzjan Karmenu Mifsud Bonnici ilu attiv għal għadd ta' snin fil-qasam politiku Malti, l-aktar bħala deputat mexxej u aktar tard bħala mexxej suċċessur tal-Moviment tal-Ħaddiema f'Malta. F'dawn l-aħħar xhur Dr Mifsud Bonnici kien involut f'diversi taħditiet f'livell governattiv fosthom it-taħditiet mal-Vatikan u dwar il-kwistjoni tal-bdiewa.

Karmenu Mifsud Bonnici twieled f'Bormla fis-17 ta' Lulju ta' l-1933. Huwa studja fl-iskola primarja u fil-liċeo minn fejn daħal fl-Università ta' Malta. Hemmhekk huwa ħa l-Baċellerat ta' l-Arti (B.A.) u aktar tard il-Lawrja bħala Avukat (LL.D.) bi speċjalizzazzjoni fil-liġi industrijali u dik dwar it-taxxi. Bħala avukat huwa kien konsulent imfittex ħafna fiż-żewġ oqsma li fihom speċjalizza.

L-ewwel sehem ta' Karmenu Mifsud Bonnici fi ħdan il-Moviment tal-Ħaddiema kien meta l-General Workers' Union ħatritu bħala konsulent legali tagħha fl-1969. Is-sehem tiegħu kien determinanti fil-ġlieda li l-istess Union, flimkien mal-Partit tal-Ħaddiema, għamlet kontra l-introduzzjoni fil-Parlament tal-liġi industrijali proposta mill-Gvern Nazzjonalista. Huwa baqa' jagħti l-kontribut tiegħu lill-Moviment tal-Ħaddiema matul dawn is-snin kollha, tant li ħafna ħaddiema għadhom jiftakru u jgħożżu l-interventi u n-negozjati tiegħu fit-tilwim li huwa u t-taqsimiet tal-Union kellhom ma' managements ta' postijiet tax-xogħol.

L-ewwel ħatra tal-Ministru Mifsud Bonnici fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema kienet meta l-Mexxej u Prim Ministru Dom Mintoff ippro-ponih bħala Deputat Mexxej f'Mejju ta' l-1980. Dak in-nhar il-Konferenza Ġenerali tal-Partit kienet approvat unanimament il-ħatra tad-Deputat Mexxej ġdid għall-affarijiet tal-Partit.

Dr Mifsud Bonnici wettaq xogħol ta' dedikazzjoni kbira meta l-Partit Laburista stabbilixxa l-kwartieri ġenerali ġodda tiegħu fil-Maċina, l-Isla, kif ukoll ħidma intensiva ta' tħejjija għall-elezzjoni ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1981 li l-Partit tal-Ħaddiema rebaħ b'maġġoranza ta' tlett siġġijiet.

F'Ottubru 1982, Dr Karmenu Mifsud Bonnici inħatar b'akklamazzjoni mill-Konferenzi Ġenerali tal-Partit tal-Ħaddiema u tal-General Workers' Union, bħala "designate leader" — mexxej suċċessur tal-Moviment tal-ħaddiema. F'dik l-okkażjoni l-mozzjoni kienet tressqet mill-Mexxej Nazzjonali, il-Prim Ministru Dom Mintoff, sekondat mid-Deputat Prim Ministru Anzjan, Dr Ġużè Cassar.

Bħala Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali l-Avukat Karmenu Mifsud Bonniċi huwa responsabbli għall-oqsma tax-Xogħol, Emigrazzjoni u Għajnuna Soċjali.

# Is-Sur Joe Debono Grech

## Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu

Is-Sur DEBONO GRECH twieled f'Birkirkara fis-17 ta' Settembru, 1941, minn Karmenu u Ġiovanna née Grech. Studja fl-iskola primarja tal-post u fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Wara li beda l-kors għal qassis huwa daħal jgħallem fl-istitut ta' S. Ġużepp, il-Ħamrun u aktar tard fil-Malta Rubber u mal-Malta Landing & Shipping Co. Ltd. Fl-1971 inħatar organizzatur tal-GWU f'Għawdex biex fl-1973 sar Segretarju tat-Taqsima Petrol, Kimika u Ħaddiema Ġenerali tal-Union.

Il-Ministru Debono Grech ilu attiv fi ħdan il-Moviment Laburista mill-1958 meta sar membru tal-Każin Laburista tal-Belt. F'dawk iż-żmienijiet huwa kien wieħed mill-fundaturi tal-Brigata Laburista f'Malta. Is-sena ta' wara ta' 18-il sena, kien diġà segretarju tal-Brigata tal-Ħamrun. Fl-1966 inħatar bħala Assistent Segretarju tal-Kumitat Laburista tal-Ħamrun kif ukoll segretarju ta' l-Għaqda Żgħażagħ Laburisti ta' S. Venera meta nfetaħ l-ewwel każin tal-Partit.

Fl-1966 il-Ministru Joe Debono Grech ikkontesta l-elezzjoni għall-ewwel darba u kien ħareġ kemm fuq Birkirkara kif ukoll fuq Għawdex. Fl-1967 ingħażel bħala President tal-Każin ta' Birkirkara fejn baqa' sa l-1976. Kien ukoll President ta' l-Eżekuttiv Nazzjonali ta' l-Għ.Ż.S. għal sentejn u kien jirrappreżenta lill-Brigata fl-Eżekuttiv tal-Partit fis-snin sittin. Iżjed tard, wara l-elezzjoni ta' l-1971, inħatar Segretarju Propaganda tal-Partit, kariga li għadu jokkupa sal-lum. Fl-Għ.Ż.S. huwa kien Segretarju Ġenerali bejn l-1967 u l-1976.



Is-Sur Joe Debono Grech waqt il-ġurament ta' Ministru

F'Għawdex huwa stinka kemm felaħ biex jagħti saħħa ġdida lill-fergħa industrijali tal-Moviment — il-GWU u rrappreżentaha fil-Bord tal-Management tan-National Cargo Handling Co. u fl-Interprint — it-tnejn bla ħlas.

Il-Ministru Debono Grech irrappreżenta lill-Brigata, lill-Union, liż-Żgħażagħ u lill-Partit f'diversi laqgħat internazzjonali, fosthom fi Srasbourg, fir-Rumanija, fir-Russja, fil-Libja, fl-Italja, fid-Danimarka, fl-Iżvezja u fl-Iżvizzera.

Huwa irriżenja minn Segretarju tal-Union meta ġie elett għall-ewwel darba fil-Parlament fl-1976. Ftit wara huwa nħatar bħala General Manager tal-Med-Serv u ta sehem sħiħ fil-ħidma politika tal-Gvern Soċjalista dwar it-tiftix għaż-żejt. Huwa reġa ġie elett b'aktar minn 3,000 vot fl-aħħar elezzjonijiet ġenerali ta' Diċembru 1981 — mirbuħa mill-Partit tal-Ħaddiema. Nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju ta' din is-sena, huwa inħatar Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu.

Il-Ministru Debono Grech iżżewweġ lil Edith née Vella fil-15 ta' April 1967. Huma għandhom żewġt itfal: Joanne ta' 15-il sena u Saviour li għandu erba' snin.



Iż-żewġ Ministri flimkien mal-President Agatha Barbara, il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff u li Speaker it-Tabib Daniel Micallef

# Ftehim bejn Malta u l-Italja biex jonqos l-iżbilanċ kummerċjali

**Wara għadd ta' laqgħat li delegazzjonijiet Ministerjali mmexxija mill-Ministru ta' l-Industrija s-Sur Joe Grima kellhom fl-Italja mal-Ministru ta' l-Industrija Filippo Maria Pandolfi, mal-Ministru tal-Kummerċ Barrani Nicola Capria u mal-Ministru tal-Parteċipazzjoni Statali Gianni De Michelis, u wara li fl-4 ta' Marzu, f'Palazzo Ghigi, Ruma, intlaħaq ftehim verbali mal-Ministri Pandolfi u Capria dwar kif għandu jitneħħa l-iżbilanċ kummerċjali li jeżisti bejn Malta u l-Italja, il-Ministru ta' l-Industrija Pandolfi mexxa delegazzjoni għolja Taljana f'Malta fis-sbatax u t-tmintax ta' Mejju 1983, għal taħditiet finali dwar il-ftehim li l-istess Ministru Pandolfi kien xtaq li jiġi ffirmat f'Malta.**



**Il-Ministru Taljan Filippo M. Pandolfi u l-Ministru Joe Grima waqt l-iffirmar tal-ftehim.**

Fit-taħditiet li saru f'Malta, d-delegazzjoni Taljana ddiskutiet ma' delegazzjoni mmexxija mid-Deputat Prim Ministru Anzjan, l-Onor. Dr Joseph Cassar, u mill-Ministru ta' l-Industrija s-Sur Joe Grima.

Il-Ministru Pandolfi kellu wkoll żewġ laqgħat privati mal-Prim Ministru Dom Mintoff. Matul iż-żjara tiegħu f'Malta l-Ministru Pandolfi ngħata, minn idejn il-President tar-Repubblika s-Sinjorina Agatha Barbara l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika għas-sehem siewi li ta lill-Gvern Malti waqt id-diskussjonijiet finanzjarji fil-kontest tal-garanziji tan-newtralità li Malta ngħatat mir-Repubblika Taljana.

It-taħditiet li saru f'Malta kienu karatterizzati mir-rieda taż-żewġ naħat li ma jitbegħdux minn dak li kienu ftehmu f'Ruma waqt id-diskussjonijiet li kellhom hemmhekk. F'dawk it-taħditiet id-delegazzjoni Maltija kienet enfasizzat **tliet prinċipji** li permezz tagħhom kellu jitnaqqas l-iżbilanċ kummerċjali sakemm jispiċċa għal kollox: **L-ewwel** li l-Italja tixtri aktar prodotti Maltin direttament; **it-tieni** li jitwaqqfu aktar industriji Taljani f'Malta għall-esportaz-

zjoni, u, **t-tielet** li l-Italja tidħol flimkien ma' Malta f'sistema ta' kummerċ tripartit.

Il-ftehim li ġie iffirmat fit-18 ta' Mejju, ftit qabel ma l-Ministru Pandolfi ħalla Malta, jirrikonoxxi li l-iżbilanċ kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi għandu jintemm fl-iqsar żmien possibbli u jistabilixxi sistemi biex dan l-iskop fundamentali, li jirregola l-ftehim kollu, jintlaħaq.

Permezz ta' dan il-ftehim il-Gvern Taljan inpenja ruħu li jorganizza programm intensiv ta' promozzjoni, mħallas minnu, biex iħajjar lill-importaturi Taljani jixtru aktar prodotti minn Malta. Għal dan l-iskop l-Italja se tibgħat Malta żewġ missjonijiet tax-xiri. L-ewwel waħda minn dawn għandha tasal Malta f'inqas minn xahrejn.

Il-Gvern Taljan għandu jagħmel kull ma jista' biex iħajjar industriji privati u Parastatali biex jitwaqqfu f'Malta u għal dan l-iskop, il-Gvern Taljan ikun lest li jagħti nċentivi lill-industriji Taljani li jkunu qed jitħajjru jiġu Malta. Dawn l-industrijalisti Taljani ġodda jkunu jistgħu jibbenefikaw minn vantaġġi ta' swieq preferenzjali li Malta għandha u għad ikollha. Il-Gvern Malti qabel li jagħmel ħiltu kollha biex jgħin lill-industriji Taljani jitwaqqfu u biex joffrilhom il-vantaġġi tas-swieq li huma assigurati lil Malta.

L-istess ftehim tat-18 ta' Mejju jistabbilixxi li, biex jiġi eliminat l-iżbilanċ fil-kummerċ ma' l-Italja, Malta tixtri, f'isem l-Italja, prodotti li l-Italja teħtieġ, minn dawk il-pajjiżi li jaċċettaw li jibdlu il-prodotti magħna fuq sistema ta' barter. Din, l-aħħar parti tal-ftehim, li għandha mportanza kbira għal pajjiżna, għandha tiftaħ spazji kbar u ġodda għall-industriji ta' l-esportazzjoni eżistenti kif ukoll għall-industriji ġodda li jistgħu jitwaqqfu f'pajjiżna bi swieq lesti u miftuħin għalihom.

Il-Gvern Taljan intrabat ukoll li jwaqqaf, mingħajr l-ebda spiża għal Malta, Technical Assistance Unit fil-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp li tkun tista' tirrelata mal-Gvern Malti u mal-Gvern Taljan f'dak kollu li joħroġ minn dan il-ftehim. Din il-Unit trid tkun twaqqfet sa l-aħħar ta' Ġunju. Kwalunkwe bdil ta' informazzjoni bejn iż-żewġ Gvernijiet, ħalli jitwettaq dan il-ftehim, jew taqsimiet minnu, jridu jkunu saru sa l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju.

Fl-aħħar nett il-Gvern Taljan esprima l-intenzjoni li jibda negozjati mal-Gvern Malti ħalli jiġi mġedded il-Protokol dwar għajnuna finanzjarja taħt il-ftehim tan-newtralità.

Il-Ministru ta' l-Industrija is-Sur Joe Grima, li kien qed jagħti dan it-tagħrif fi stqarrija lill-Kamra tad-Rappreżentanti nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju, qal li dan il-ftehim għandu skop wieħed uniku — dak li jelimina l-iżbilanċ kummerċjali bejn Malta u l-Italja u li lil Malta joffrilha, regolarment, kull sena żieda fl-esportazzjoni ma dak li għandha diġà, b'daqs kemm ikollha żbilanċ.

"It-Taljani qablu magħna li jeżaminaw serjament is-sistemi li aħna pproponejnielhom u issa ddikjaraw dak li ftehmu magħna f'Ruma, bil-miktub."

Ir-riżultat finali hu li dan il-ftehim qed joffri lill-Malta l-opportunità li żżid il-kummerċ tagħha jew permezz ta' bejgħ dirett, jew permezz ta' barter, jew permezz tat-twaqqif ta' industriji ġodda għall-esportazzjoni b'kemm jiswew Lm88 miljun lira ta' żbilanċ kummerċjali li Malta għandha ma' l-Italja din is-sena.

"Aħna" qal il-Ministru Grima "qatt ma ppreżentajna rwieħna bħala n-nies ta' soluzzjonijiet aħħarija. Aħna dejjem ridna nkunu n-nies ta' l-opportunità — li noħolqu l-opportunità ħalli min f'pajjiżna għandu l-inizjattiva, jutilizzaha. Imma issa, għall-ewwel darba nista' ngħid li jekk mhux se nsibu min jimla' dan il-vojt kbir li se noħolqu bil-barter, se mmorru biex inwaqqfu l-industriji aħna, mingħajr ma noqgħodu nistennew lil ħadd.

"Jiena nħoss li din mhux l-okkażjoni li nkun polemiku mal-Oppożizzjoni, li matul dawn ix-xhur li ilna niddiskutu, ppruvat tirredikolana. Jiena sinċerament nittama li għal darba, l-Oppożizzjoni Nazzjonalista taċċetta li l-ħidma ta' dan il-Gvern fejn jolqot dan il-ftehim għandha tirriżulta f'benefiċċji kbar, sena wara l-oħra, għall-industrija eżistenti u għal dawk li għad iridu jiġu, u tifraħ magħna li mingħajr pretenzjonijiet żejda imma bit-tenaċja u l-perseveranza li tiddistingwi lill-Gvern Soċjalista għal darb' oħra wasalna ma pajjiż ikbar minna, iktar

b'saħħtu minna li miegħu ftehimna b'mod dinjituż li jagħmel unur liż-żewġ naħat."

"Jiena nemmen," kompla qal il-Ministru Grima "li l-ftehim li lħaqqna ma' l-Italja, bl-għajnuna tal-Ministru Pandolfi u tal-Ministru Capria jippreżenta lil dan il-pajjiż sfidi ġodda. Issa l-mument li nassiguraw li l-istrutturi li għandna f'pajjiżna u li permezz tagħhom irid jitħaddem dan il-ftehim ikunu b'saħħithom u kapaċi għall-din l-isfida. L-ewwel responsabbilità taqa' fuqna u fuq il-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp, l-id il-leminija tal-Ministeru tiegħi. Irridu nagħmlu ħilitna kollha biex, għalkemm baqa' biss sitt xhur mis-sena, niksbu għal Malta kemm jista' jkun minn dawk it-Lm88 miljun lira li se jkunu disponibbli għall-industrija u l-kummerċ ta' pajjiżna."

Il-Ministru hawn qal li ried jieħu din l-okkażjoni wkoll biex jagħmel sejħa lill-Industrijalisti Maltin li żgur ħadd qatt ma għamel għalihom daqs kemm għamel dal-Gvern. "Lill-Industrijalisti nistedinhom biex jeżaminaw magħna, f'kull opportunità li nqegħdu quddiemhom, kif se jżidu l-esportazzjoni tagħhom lejn is-swieq il-ġodda, kif se jżidu l-produzzjoni u kif se jassiguraw għal Malta aktar impiegi.

"Minn dan il-Parlament nistieden lil dawk l-industrijalisti li għadhom mogħmijin, biex iwarrbu l-piki u jsegwu bir-reqqa dak li ftehimna ma' l-Italja ħalli ma jitilfu xejn mill-opportunitajiet li dan il-ftehim joffrilhom; ħalli nkabbru l-industriji tagħna tal-manifattura, u ħalli nerġgħu ntellgħu l-impiegi f'pajjiżna għall-livelli għolja li kienu qabel ma għadda minn ġo nofsna r-riefnu tar-riċessjoni. Jekk permezz ta' l-opportunitajiet li joffri dan il-ftehim, din is-sena mmorru tajjeb, iċ-ċans hu li s-sena li ġejja mmorru aħjar.

"Fit-twettiq ta' dan il-ftehim aħna lesti biex il-parti tagħna nkomplu nagħmluha bl-istess determinazzjoni li biha segwejna l-taħditiet twal ta' Ruma. Din il-ħidma tagħna tirnexxi biss jekk insibu, minn kull naħa li se jkollha x'taqsam mal-implementazzjoni tal-ftehim il-kooperazzjoni, l-ħeffa u l-għajnuna li se ninħtieġu biex dak li s'issa għadu biss fuq il-karta nsarrfuh f'qasir żmien f'vantaġġi serji għall-industrija tagħna."

# Midalja għall-Qadi tar-Repubblika

*Waqt ċerimonja għall-okkażjoni fil-Palazz il-Belt, il-President tar-Repubblika is-Sinjorina Agatha Barbara ippreżentat il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika lill-Ministru Filippo Maria Pandolfi.*

*Fid-diskors tagħha ta' l-okkażjoni il-President fakkret li l-Ministru Taljan ilu bosta snin attiv fil-kamp politiku u dejjem spikkaw fih is-serjeta, il-bżulija u l-imħabba lejn il-ħaddiema.*

*Dawn il-kwalitajiet sbieħ wasslu sabiex il-Ministru Pandolfi jingħata karigi ministerjali mill-aktar importanti, jiġifieri Ministru tal-Finanzi, tat-Teżor u ta' l-Industrija. Il-kapaċità tiegħu ġiet rikonoxxuta mill-President Pertini nnifsu li fl-1980 kien tah il-karigu biex jipprova jifforma gvern, u mill-Fond Monetarju Internazzjonali li kien ħatru President ta' l-International Committee.*

*Kien il-Ministru Pandolfi li fehem mill-ewwel il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet ta' Malta u li minkejja d-diffikultajiet kbar kienet id-determinazzjoni tiegħu li wasslet għal tmiem feliċi n-negozjati bejn Malta u l-Italja dwar in-newtralità. L-Italja kienet iggarantiet in-newtralità ta' Malta u ħadet impenn formali li tgħin lil Malta fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħha.*



**Il-President tar-Repubblika Agatha Barbara tagħti l-Midalja lill-Ministru Filippo Maria Pandolfi.**

# Xatt għan-Negozju tal-Qamħ

## *Fejn qabel kien jintuża għal ħażna tal-bombi tal-gwerra*



L-ewwel fażi kienet il-bini ta' moll twil u fond biex miegħu jitrakkaw vapuri kbar.

**Minħabba l-qagħda ġeografika ta' pajjiżna f'nofs il-Baħar Mediterran, il-Gvern Soċjalista Malti jrid li jagħmel min-negozju tat-trasbord wieħed mill-pilastri ta' l-ekonomija Maltija.**

**It-trasbord ifisser li vapuri kbar iġibu tagħbijiet ta' prodotti jew ta' materja prima li wara li din tinħażen hawn Malta, tkun tista' terġa tinġarr ftit ftit b'vapuri iżgħar lejn pajjiżi ġirien tagħna.**

Dan is-servizz ta' trasbord minbarra l-ħlas għall-kiri tal-faċilitajiet għall-ħażniet, iġib lejn Malta għadd dejjem ikbar ta' bastimenti ta' għamliet differenti. Dawn min-naħa l-oħra jiġġeneraw xogħlijiet oħra fl-oqsma tas-servizzi, tiswijiet fit-tarznar u xogħol ieħor. Xogħol bħal dan ta' trasbord diġa sar u qed isir, fosthom trasbord ta' karozzi, żjut eċċ.

### Trasbord ta' Qamħ

Ir-reġjun tal-Mediterran huwa wieħed li jikkonsma ammonti konsiderevoli ta' qamħ. Għal-hekk, il-Gvern Malti ħaseb u ra kif għandu jivvantaġġja ruħu minn dan il-fatt, u jagħti bidu wkoll għan-negozju tat-trasbord tal-qmuħ.

Sabiex jagħmel dan il-Gvern kellu l-ewwelnett jibni faċilitajiet għall-ħażna li riedu jkunu aħjar minn ta' pajjiżi oħra ġirien, bi spejjes li għandhom jinfdew hekk kif jibda jaħdem dan il-proġett.

### Silo Kbir

Il-post li l-Gvern għażel biex jinbnew il-faċilitajiet tal-ħażna, jew aħjar biex jinbena 'silo' kbir, huwa post fil-Port il-Kbir stess. Dan il-post, fejn kien l-iżjed adattat biex isir is-'silo'; huwa f'parti mill-għolja ta' Kordin, sewwa sew fejn hemm Xatt il-Magazini, fejn il-kolonjalisti Ingliżi u l-alleati tagħhom tan-NATO kienu jużawh għall-ħażna tal-bombi qerrieda

tal-gwerra.

B'hekk se jiġri, li fejn qabel kienu jinħażnu l-munizzjoni u armi biex jintużaw kontra l-ġirien tagħna, issa, dan l-istess post se jibda jintuża biex minnu titwassal il-ħobża ta' kuljum lil dawn l-istess ġirien.

Ix-xogħol fuq is-'silo' innifsu jinqasam f'diversi fażijiet.

**Il-Moll**

L-ewwel fażi kienet il-bini ta' moll li huwa twil madwar 250 pied u fond madwar 50 pied biex miegħu jitrakkaw vapuri kbar ta' bejn is-60,000 u t-80,000 tunnellata.

It-tieni fażi tikkonsisti fil-bini tas-'silo' innifsu. L-ewwel sar it-tħammil u l-iskavar ta' mhux inqas minn 150,000 metru ta' blat. Il-blat li nqata' qed jintuża fi proġetti eżistenti tal-Gvern, bħal ma hu l-proġett kbir tal-port ta' Kalafrana, u kif ukoll biex jinbena l-istess moll faċċata tas-'silo'.

Ix-xogħol fuq is-'silo' innifsu, livellar ta' l-art u l-bini ta' ħitan kbar li jifformaw il-ġnub, hemm jaħdmu fuqhom ħdax-il kuntrattur Malti.

Fil-bini tas-'silo' qed tingħata attenzjoni speċjali għall-arja li trid isservi ta' insulazzjoni kontra l-umdità. U biex ma jkunx hemm biża' ta' umdità mill-art, minħabba li l-post huwa qrib il-baħar, l-art tas-'silo' se tkun madwar 30 pied mil-livell ta' l-ilma.

Fatt interessanti fil-bini tas-'silo' huwa li l-prinċipju tal-kostruzzjoni kollha tiegħu huwa bbażat fuq il-mod kif huma mibnija l-Fosos tal-Furjana ta' ħdejn il-Kapuċċini, li, għalkemm dawn kienu nbnew fi żmien il-Kavallieri, għadhom jintużaw għall-ħtiġiet tagħna sal-lum il-ġurnata. Fil-fatt hawn ta' minn jgħid li dawn jinsabu fi stat eċċellenti, tant kemm kienu nbnew b'sengħa u ħila kbira.

**Makkinarju Sofistikat**

L-aħħar fażi tax-xogħol kollu huwa x-xiri tal-makkinarju sofistikat li permezz tiegħu jitħaddem dan is-'silo' ġgantesk.



Ix-xogħol fuq is-silo innifsu hemm jaħdmu ħdax-il kuntrattur Malti.

Is-'silo' innifsu se jkun jikkonsisti fi 12-il post ta' ħażna, magħrufa bħala 'bins', li kull waħda tkun tesa' madwar 1,500 tunnellata qamħ, u minn 18 oħra, li huma akbar, u li jkunu jesgħu 3,800 tunnellata kull waħda. Minkejja li l-kapaċità tal-bini se tkun ta' madwar 86,000 tunnellata, dan is-'silo' se jiġġenera fih maż-żewġ miljun tunnellata qamħ fis-sena.

L-għamla ta' l-hekk msejħa 'bins' hija kwadra. Iż-żgħar se jkunu 30 pied bi 30 pied, filwaqt li l-oħrajn kbar se jkunu 50 pied b'50 pied.

**Il-Proġett ta' Marsaxlokk**

L-ippjanar tas-'silo' f'dan il-lok huwa wkoll marbut mal-proġett ta' Marsaxlokk. Dan għaliex huwa mistenni li kif jibda jaħdem is-'silo', ix-xogħol tal-'containers' fuq xatt il-Laboratorju jmur kollu Marsaxlokk, biex b'hekk jinħoloq iżjed wisgħa għall-vapuri li jkunu jridu jħottu jew jgħabbu l-qmuħ. Allura fejn hemm xatt il-Magażini u xatt il-Laboratorju, ikun jista' jibda jintuża kollu mill-vapuri tal-qamħ.

**Interess minn Kumpaniji Barranin**

It-trasbord tal-qamħ huwa proġett ieħor ambizzjuż tal-Gvern Soċjalista li għandu jkompli jistabbilina bħala poplu li jrid jaqla' x'jiekol min-negozju u b'attivitajiet paċifiċi u mhux ta' gwerra.

L-interess kbir li ntwera u qiegħed jintwera f'dan il-proġett minn kumpaniji kbar barranin, li dawn min-naħa tagħhom ilhom midħla tan-negozju tal-qamħ, jawgura tajjeb għall-futur u juri kemm il-Gvern Soċjalista Malti kien korrett li jidħol għal proġett ta' din ix-xorta.

# L-Industrija tat-Turiżmu

**Nhar it-Tnejn 25 ta' April, f'Xandira Ministerjali, l-Onor Reno Calleja, Ministru tat-Turiżmu kien intervistat mis-Sur P. Mifsud P.P.R.O. tat-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja.**

**Mit-tweġibiet li esprima s-Sur Calleja ħareġ tagħrif siewi dwar dak li għamel u qed jagħmel il-Gvern sabiex l-Industrija tat-Turiżmu tkompli tkun waħda mis-sisien ta' l-ekonomija Maltija.**



**Il-Ministru s-Sur Reno Calleja waqt l-intervista mas-Sur Paul Mifsud.**

Is-sitwazzjoni fl-Industrija tat-Turiżmu mingħajr dubju għadha għaddejja minn ċerti diffikultajiet. Però wieħed irid isaqsi: Kif kienet tkun il-qagħda f'din l-industrija llum il-ġurnata li kieku l-Gvern ma ħax ċerti miżuri?

Nibdew biex ngħidu li l-marda prinċipali kienet li Malta ma kienetx baqgħet aktar kompetittiva — jiġifieri l-prezzijiet li l-Maltin kienu qegħdin jiċċarġjaw lit-turisti kienu qed ikun għoljin.

Għalhekk, il-Gvern, fuq dan, kien qabad u ħa ċertu miżuri iebsin — u llum nistgħu ngħidu li l-prezzijiet reġgħu b'xi mod stabilizzaw ruħhom.

Il-Gvern imbagħad fittex ukoll li jgħolli li standard tal-prodott — il-livell tal-prodott — jiġifieri dak li joffru l-lukandiera, tar-ristoranti, u fil-fatt dak li joffri kull min huwa konness ma' l-Industrija tat-Turiżmu.

Wara dan kollu l-Gvern ħa miżuri oħra biex ikompli jissalvagwarda din l-industrija hekk vitali għal gżejjer Maltin.

Per eżempju qatt daqs dawn l-aħħar xhur Malta ma nefqet flus fir-reklamar daqs kemm nefqet diġà din is-sena. Qatt, per eżempju, l-Gvern ma vvota Lm400,000 għar-reklamar fl-Ingilterra u f'pajjiżi oħra.

Minbarra dan, il-Gvern reġa' wkoll waqqaf in-National Tourist Organisation b'mod li daħlet fiha l-AirMalta wkoll — u l-AirMalta ippumpjat Lm300,000 oħra ma dak li kien diġà ħareġ il-Gvern bħala Gvern. Barra dan, is-settur privat, jiġifieri l-lukandiera u dawk li għandhom il-'flats' u kull min imiss b'xi mod mat-Turiżmu, ħarġu bejniethom Lm200,000 oħra — jiġifieri b'kollox budget ta' Lm900,000 illi Malta flimkien qed tippompja kontinwament ġo l-Ingilterra u f'pajjiżi oħra biex tħajjar dejjem aktar turisti jiġu jżuruna.

Kien hawn minn ipprova jikkritika billi jgħid li din il-kampanja ta' reklamar il-Gvern kien bdiha tard. Il-Gvern ma ħareġ tard xejn! Hareġ ma ħaddieħor, mal-pajjiżi l-oħra. Il-Gvern kien jaf minn statistika ippubblikata fl-Ingilterra u f'pajjiżi oħra li 40% tat-turisti kienu se jivvjaġġaw fit-tard din is-sena. Allura l-Gvern, parti mill-flus li kellu allokati għar-reklamar ħallihom għal dik li jgħidulha 'late-booking campaign'; jiġifieri kampanja biex isiru reklami bejn April u bejn Ġunju.

Qatt ma kien hemm daqshekk reklamar u qatt ma ħriġna b'saħħa daqs kemm ħriġna din is-sena. Hawn ta' min isemmi li l-AirMalta, għat-tielet sena konsekuttiva reġgħet ħarġet rebbieħa b'għadd ta' unuri għal mod kif irreklamat is-servizzi tagħha ġewwa l-Ingilterra.

**Għajnuna lill-lukandi**

Is-sena l-oħra l-Gvern kien ra li minkejja l-isforzi kollha li għamel u kien beħsiebu jagħmel, xorta kienu se jibqgħu għadd ta' diffikultajiet u kien hemm ċans li xi ħaddiema fil-lukandi kienu sejrin jitilfu posthom — għallanqas matul ix-xhur tax-xitwa. Għal hekk, flok li ħalla dawn il-lukandi jagħlqu fix-xitwa, u jitfgħu lil dawn il-ħaddiema 'l barra, l-Gvern mhux talli żammhom milli jagħmlu dan iżda meta ra li ċerti lukandi ser ikunu sfurzati li jagħmlu l-'four day week', dan qabad u offrielhom ġurnata paga għal kull ħaddiem li kellhom biex dawn jibqgħu jaħdmu ġimgħa regolari ta' 5 ijiem.

Din kienet miżura li l-Gvern swietlu ħafna flus. U tant il-Gvern huwa konxju li l-ħaddiem ma jħalliehx ibagħti li din l-ideja, li jħallas ġurnata paga lill-ħaddiema hekk mheddin b'ġimgħa ta' 4 ijiem, li l-Gvern estenda din l-għajnuna sa Mejju, fejn qabel kienet se tingħata sa Frar biss.

Il-Gvern hawn jixtieq jappella lill-lukandiera biex jagħmlu ħilithom u jkomplu jistinkaw ħalli jiddiversifikaw u jferrxu s-suq u jagħmlu dan b'manjiera professjonali u mhux fejn laqat laqat. Dan l-isforz min-naħa tagħhom huwa neċessarju ħalli ma jkunx hemm aktar il-ħtieġa li l-Gvern joqgħod juża dal-flus biex iżomm l-impieg ta' dawn il-ħaddiema fil-

lukandi. Wieħed ukoll irid ifakkar li waħda mill-miżuri li għamel il-Gvern u li għenet mhux ftit lill-lukandiera kienet meta fl-aħħar budget il-Gvern raħħas l-elettriku b'5 fil-mija waqt li m'għollilhomx il-pagi u l-benefiċji soċjali.

**Is-sitwazzjoni f'pajjiżi oħra**

U kemm kienet tkun agħar is-sitwazzjoni tat-turiżmu f'Malta li kieku ma kienx hawn Gvern kapaċi jieħu dawn il-miżuri serji. Għax wieħed irid ifakkar li n-numru ta' impiegi li tlifna minn din l-Industrija kien ferm ftit meta paragunat ma' dak li ġara f'pajjiżi oħra bħal Greċja.

**Il-Passaport ta' Hbiberija**

Minn dan l-istaġun, kull turist li jivvjaġġa fuq titjira 'scheduled' ta' l-AirMalta ser jibda jingħata dan il-'Passaport ta' Ħbiberija'. Dan il-passaport fih 'voucher' ta' ħames liri Maltin li t-turist jista' juża fir-restorant taċ-Ċentru tal-Konferenzi tal-Mediterran, jew biex jixtri bihom 'souvenirs' mill-ħanut ta' l-AirMalta l-'Anona' fil-Belt, jew inkella biex ikun jista' jara l-famuża show ''Malta Experience'. Barra dan, f'dan il-passaport ta' ħbiberija t-turist għandu wkoll il-faċilita' ta' sitt liri li ġejjin mill-fatt li jista' jidħol mingħajr ma jħallas fil-Casino, fil-Marsa Sports Club jew fid-discos kollha ta' Malta u Għawdex. Fir-reklamar li qed isir barra minn Malta qed ikun hemm inkluż din l-offerta tal-Passaport ta' Ħbiberija — offerta li lil kull turist tiswielu ħdax-il lira oħra x'jonfoq.

**Linja għaqlija**

Dawn it-tipi ta' inċentivi jridu jsiru sabiex jgħinu lit-turiżmu fil-gżejjer Maltin. Din hi l-linja li l-Gvern wera li għandna naqbdu u mhux kif kien hemm min irid li niżvalutaw il-lira Maltija.

**Żvalutar tal-lira**

Kienu saru diversi suġġerimenti lill-Gvern Malti biex dan jiżvaluta l-lira Maltija biex il-lira Ingliża tibda tkun issarraf aktar u b'hekk tattira aktar turisti lejn artna.

Sal-lum il-ġurnata l-Gvern żamm iebes u dan l-iżvalutar għadu m'għamlux. Il-Gvern diġà spjega ċar u tond fl-aħħar budget illi l-miżura li jwaqqa' l-lira Maltija trid tkun l-aħħar pass li jasal biex jagħmel. Jiġifieri meta l-Gvern ma jkunx baqagħlu rimedji oħra x'jagħmel. Għaliex meta dan jasal biex jiżvaluta, ma jridx iqis biss l-industrija tat-turiżmu, iżda jrid iqis is-sitwazzjoni ġenerali ta' l-ekonomija tal-pajjiż. Jekk jiżvaluta se jgħolli l-ħajja għaliex aħna f'Malta rridu nimportaw kważi kollox minn barra u l-affarijiet jibdew jiġuna għoljin. U jekk jgħolli l-ħajja l-ħaddiem ikollu anqas saħħa fil-lira u dan imbagħad ikun irid iżjed paga u nibqgħu sejrin hekk b'dannu kbir għall-ekonomija ta' Malta. Tant u hekk li pajjiżi li żvalutaw bħal Spanja u l-Greċja kellhom jgħollu l-prezzijiet tal-lukandi tagħhom u issa ġew ogħla minn tagħna. Dan għaliex jekk jogħlew il-pagi minn x'imkien iridu jġibu d-differenza.

**Hajja rħisa**

Aħna hawn Malta, li rridu infittxu bħala pajjiż hu mhux li niżvalutaw iżda li nżommu l-ħajja rħisa kemm jista' jkun. Dan ħalli għalkemm it-turisti Ingliżi jiġu u hawn jieħdu biss 70 ċenteżmu kull lira sterlina, dawk is-70 ċenteżmu jwassluhom aktar milli li kieku jmorru jonfquhom f'xi pajjiż ieħor.

**Tour-Operators**

Sfortunatament, aħna hawn Malta għadna niddependu mis-saħħa tat-'tour-operators' barranin. Dawn huma n-nies li jaqbdu t-turist mill-Ingilterra, jippreparawlu kollox u jitfgħuh hawn Malta. Issa dawn it-'tour operators', biex jissalvagwardjaw lilhom infushom għal xi moviment li jista' jkun hemm fil-valur ta' l-isterlina, malajr tarahom jiċċarġjaw xi somma flus oħra mal-prezz tal-btala li jippubblikaw fil-'brochures' tagħhom. U b'hekk il-prezz ta' btala f'Malta malajr jiġi jidher ogħla milli verament ikun.

Allura, minħabba f'affarijiet bħal dawn, issa wasal il-waqt li l-lukandiera Maltin u anke t-'travel agents' Maltin jingħaqdu u jwaqqfu kumpaniji tagħhom barra minn Malta ħalli jibdew ibiegħu l-btajjel turistiċi huma stess. Malta ma tistax tkompli tiddependi minn 'tour operators' barranin. L-Air-Malta, f'dan ir-rigward, ma bagħtietx daqs ħaddieħor għaliex kellha żewġ kumpanniji l-Medallion Holidays u l-Belair, illi waqqfithom apposta flimkien ma' kuntatti u ma' 'partners' Ingliżi u anke Maltin biex iġġib hi stess lit-turisti hawn Malta.

**Settlement Rate**

Dan l-aħħar. l-Għaqda tal-Lukandiera u Stabbilimenti ta' l-Ikel issuġġeriet lill-Gvern biex jistabbilixxi is-'Settlement Rate'. Dawn kienu għamlu l-kuntratti is-sena li għaddiet mat-'tour operators' barranin u intrabtu bir-rata ta' 1.38 jiġifieri 72c5 kull lira Ingliża. Issa l-lira Ingliża waqgħet għal 65c8 u dawn iridu d-differenza mingħand il-Gvern Malti.

Issa dawn ġralhom hekk għaliex ma kienux imxew fuq il-parir tal-Gvern meta qalilhom biex jagħmlu l-'forward buying' jew 'forward cover'. Din tfisser li l-lukandier jintrabat mal-Bank tiegħu bir-rata li jkun għamel fil-kuntratt mat-'tour operator'. Din il-faċilita l-Bank Ċentrali ilu joffriha u lest li itiha fuq bażi ta' sena. Ta' min jgħid li din il-faċilita jagħmlu ħafna użu minnha l-industrijalisti u għaldaqstant ma hemm xejn għaliex m'għandhomx jagħmlu użu minnha wkoll l-lukandieri.

**Industrija ta' kulħadd**

L-industrija tat-turiżmu mhux industrija tal-Gvern preżenti u lanqas ta' xi partit politiku — hu min hu. Din għandha tkun industrija tal-poplu Malti kollu u l-poplu kollu għandu jkun konxju illi din hija industrija vitali għal Malta.

Kulħadd għandu jagħti sehmu ħalli jekk din l-industrija marret lura nagħmlu minn kollox biex inqajjmuha fuq saqajha u nagħmluha b'saħħitha aktar milli qatt kienet.

# Kuntratti tajbin ta' tiswija ta' vapuri



Il-'Cunard Countess' dieħel it-Tarzna ta' Malta.

**Minkejja l-kompetizzjoni qawwija li kellha minn diversi tarznari oħra, t-Tarzna ta' Malta irnexxielha tirbaħ kuntratti importanti għat-tiswija ta' vapuri minn diversi pajjiżi.**

Fost oħrajn, it-Tarzna rebħet il-kuntratt ta' xogħol li hemm bżonn isir fuq il-vapur tal-passiġġieri 'Cunard Countess' li jagħmel vjaġġi turistiċi fil-baħar Karibew.

Dan huwa wieħed mill-vapuri lussużi tal-kumpanija Cunard Lines. Din il-kumpanija għandha wkoll vapuri oħra magħrufa fost-hom il-'Queen Elizabeth II' u l-'Queen Mary'.

Il-vapur 'Cunard Countess' kien wieħed minn diversi vapuri li sena ilu kien impenjat fil-gwerra tal-Falklands, fejn kien jittras-porta truppi u apparat militari. Fil-fatt parti mix-xogħol li hemm bżonn li jsir fuq dan il-vapur huwa appuntu li jitneħħew dawk l-affa-rijiet kollha li b'xi mod ifakkru fil-gwerra u b'hekk jerġa' jieħu d-dehra normali tiegħu. L-istima tax-xogħol hija ta' madwar miljun u nofs lira li tinkludi modifiki u modernizzazzjoni.

Il-kuntratt dwar dan il-vapur, ġie iffirmat waqt żjara li l-General Manager tat-Tarzna, s-Sur Salvu Brincat għamel fl-Uffiċini tal-kumpanija Cunard Lines f'Londra u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

It-Tarzna ta' Malta rnexxielha tirbaħ dan il-kuntratt konsidere-voli minkejja kompetizzjoni qaw-wija li għamlu tliet tarznari oħra fl-Ingilterra, tnejn fil-Ġermanja, waħda mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u oħra mill-Olanda.

Jeżistu possibilitajiet tajbin li wara x-xogħol fuq il-'Cunard Countess', it-Tarzna ta' Malta tista' tirbaħ ukoll il-kuntratt ta' xogħol li għandu jsir fuq vapur ieħor, il-'Cunard Princess'.

Minbarra hekk, hemm il-possi-bilità wkoll li t-Tarzna ta' Malta tirbaħ kuntratti ta' xogħol fuq vapuri tal-passiġġieri Sovjetiċi. Dan irriżulta wara żjara li s-Sur Salvu Brincat għamel f'Moska fejn ġew ukoll finalizzati kuntratti għal żewġ tankers ta' 150,000 tunnel-lata. F'dan il-każ ukoll it-Tarzna kellha kompetizzjoni qawwija wkoll minn oħrajn fi Franza, l-Italja u l-Greċja. Il-kuntratti, li huma għal tiswijiet ġenerali, jammon-taw għal nofs miljun lira għal kull tanker.

Sadanittant, minbarra l-Unjoni Sovjetika, delegazzjoni mit-Tarzna dan l-aħħar żaret l-Alġerija fejn ikkonkludiet il-kuntratti għal żewġ vapuri li jaħdmu bis-sistema Roll On Roll Off.

# Fit-Taħditiet mal-Vatikan il-Gvern Malti jinsisti fuq żewġ prinċipji

- **It-Tagħlim għandu jkun b'xejn**
- **Il-Knisja għandha tagħmel użu mir-riżorsi li għandha biex tipprovdi tagħlim b'xejn fl-iskejjel tagħha**

**Delegazzjoni tal-Gvern Malti kellha laqgħat ma' delegazzjoni tas-Santa Sede, it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 16, 17 u 18 ta' Mejju. Id-Delegazzjoni tas-Santa Sede kienet immexxija minn Monsinjur Achille Silvestrini, u fl-ewwel seduta ta' dawn il-laqgħat ippresieda s-Segretarju ta' l-Istat il-Kardinal Casaroli u anke wkoll attenda għall-aħħar laqgħa.**

Il-Kardinal Casaroli kien ġentili u kellu udjenza privata mad-Delegazzjoni Maltija separata mis-sessjonijiet tal-laqgħat.

Id-Delegazzjoni Maltija kienet komposta mid-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali Dr Karmenu Mifsud Bonnici, mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr Alex Sceberras Trigona, mill-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan Dr Paul Farrugia u żewġ uffiċjali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

**Meta d-Delegazzjoni Maltija ġiet lura Malta l-Ħamis 19 ta' Mejju, Dr K. Mifsud Bonnici tkellem dwar il-laqgħat li kellhom mas-Santa Sede:**

"F'dawn il-laqgħat, kif għedna qabel ma tlaqna minn Ħal Luqa, kellna niddiskutu kwistjonijiet li jirrigwardaw il-proprjetà tal-Knisja f'Malta. Jiddispjaċina jkollna ninnotaw illi minkejja l-isforzi li saru min-naħa tal-Vatikan, il-Knisja lokali għadha ma lestietx ix-xogħol li kellha tagħmel dwar il-proprjetà tal-Kinisja f'Malta. U jiddispjaċina li ninnotaw dan meta niftakru illi dan huwa xogħol li proprja inbeda 'l fuq minn 10 snin ilu, u li jmissu tlesta numru ta' snin ilu.

"Minħabba l-fatt illi dan ix-xogħol dwar il-proprjetà f'Malta għadu ma tlestiex mill-Knisja lokali, ma kienx possibbli għas-Santa Sede illi jittieħdu d-deċiżjonijiet li konna nistennew li jittieħdu dwar din il-kwistjoni, u li aħna insistejna li għandhom jittieħdu mingħajr iktar dewmien, għaliex id-dewmien huwa kontra l-interess tal-poplu Malti u Għawdxi.

"L-istess bħal fit-taħditiet li kienu saru fi Frar, it-taħditiet u n-negozjati li kellna kienu twal u iebsa. Imma saru f'atmosfera tajba u fl-aħħar seduta d-Delegazzjoni tas-Santa Sede kienet tant ġentili magħna li stednitna għall-ikla l-bieraħ fil-għaxija.

"Ma sarx ftehim li n-negozjati jkomplu. Iżda min-naħa tas-Santa Sede intweriet ix-xewqa li dawn it-taħditiet jitkomplew speċjalment wara li jitlesta x-xogħol mill-Knisja lokali dwar il-proprjetà tal-Knisja.

"Dan ix-xogħol prinċipalment jirrigwarda illi l-Knisja tagħmel inventarju tal-ġid kollu li għandha f'Malta u Għawdex u wieħed jistenna illi dan huwa xogħol li jmissu ma jieħux aktar żmien għax huwa ħaġa li wieħed kien jistenna li l-Knisja ilha li għandha rekord ta' dak kollu li hija għandha.

"Sfortunatament il-Knisja lokali għadha tinsisti, tajjeb jew ħażin, illi rendikont ta' dak kollu li tippossiedi m'hijiex fi stat li tagħti, sa issa.

"Għalkemm, espressament, ma ġiex iddikjarat dan, kien jidher ċar illi ċertu ammont ta' dispjaċir, jew aħjar diżappunt, kien hemm, da parti tal-Vatikan, illi x-xogħol li jmissu tlesta żmien ilu għadu ma tlestiex.

**Żewġ Prinċipji**

"Id-Delegazzjoni tal-Gvern Malti insistiet illi għandhom jiġu aċċettati żewġ prinċipji dwar l-iskejjel tal-Knisja. L-ewwel . . . . l-prinċipju li t-tagħlim għandu jkun b'xejn u t-tieni illi l-knisja għandha l-obbligu illi talloka r-riżorsi tagħha biex tassigura illi tipprovdi tagħlim b'xejn fl-iskejjel tagħha.

"Id-deċiżjoni jekk ikunx hemm aktar ftehim — jew inkella jekk ikunx hemm aktar laqgħat għad-diskussjoni u negozjati, jew inkella għandhiex tittieħed azzjoni (jittieħdu l-passi meħtieġa biex wieħed iħares aħjar l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi) dik id-deċiżjoni tittieħed wara li wieħed jifli sewwa r-riżultat tan-negozjati li kellna f'Ruma.

"Il-Gvern minn dejjem kien liberu illi jieħu l-passi li jħoss li huwa fl-interess tal-poplu. Il-Gvern

(jkompli f'paġna 14)

# L-Iskejjel privati għandhom ikunu b'xejn

**IL-MINISTRU ta' l-Edukazzjoni, Dr Philip Muscat tkellem dwar il-qagħda ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna u qal li issa jonqos biss li t-tagħlim isir kompletament b'xejn għal kulħadd u mingħajr diskriminazzjoni soċjali bejn min għandu ħafna flus u min m'għandux.**

Il-Ministru Muscat, li kien qiegħed jitkellem f'Jum il-Premjazzjoni ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet tar-Rabat, qal li l-edukazzjoni hija servizz soċjali u għaldaqstant l-ebda skola privata m'għandha titmexxa fuq bażi kummerċjali. **"Ikunu boloh dawk il-ġenituri li ma jifhmux dan u jħallu lil min jużahom għal skopijiet politiċi."**

Dan il-Gvern, għaliex jemmen fis-Soċjaliżmu, isostni li l-edukazzjoni għandha tkun **ugwali għal kulħadd,** irrispettivament mill-ambjent soċjali tat-tfal.

Waqt li l-Ministru saħaq li l-mertu intelletwali biss għandu jiddistingwi xi kwalità ta' tagħlim għandu jingħata lit-tfal, huwa qal li mhux ġust li wara li l-poplu kollu jikkontribwixxi fil-ġbir tat-taxxi, jerġa' jiġi mitlub iħallas għat-tagħlim ta' uliedu.

"Id-dħul fl-iskejjel privati huwa diskriminatorju," qal il-Ministru, "għaliex dawn jaċċettaw biss tfal bravi li l-ġenituri tagħhom jifilħu jħallsulhom."

L-iskejjel ta' l-Istat jagħtu servizz lis-soċjetà żagħżugħa kollha ta' pajjiżna. Jieħdu ħsieb dawk it-tfal bi żvantaġġi fiżiċi u mentali, u lil dawk li minħabba ċirkostanzi tal-ħajja għandhom żvantaġġi soċjali, u, lil dawk kollha li ma humiex kapaċi intelletwalment.

"Minkejja li aħna naċċettaw lit-tfal kollha mingħajr l-ebda diskriminazzjoni, bl-istreaming li ħloqna, jiġifieri li t-tfal jiġu mgħallma skond l-intelliġenza tagħhom, u issa wkoll fil-Junior Lyceums, l-istudenti tagħna qed jiksbu riżultati sodisfaċenti daqs u aħjar mill-istudenti ta' l-iskejjel privati. Mhux dan biss iżda l-istudenti fl-iskejjel ta' l-Istat illum qed jiġu mgħallma il-valuri morali u soċjali li joħolqu komunità f'saħħitha u mhux komunità li tippriedka u twettaq prinċipji egoistiċi u individwalistiċi. Dan hu l-qofol tat-tagħlim soċjali fl-iskejjel ta' l-Istat li jiggarantixxi futur b'saħħtu.

L-iskejjel tal-poplu għandhom l-aktar għalliema kwalifikati u l-biċċa l-kbira ta' l-għalliema tagħna huma dedikati u jqisu t-tagħlim bħala vokazzjoni. F'isem it-tfal li jgħallmu jien nħeġġiġhom ikomplu jaħdmu biex it-tfal fdati f'idejhom ikomplu jingħataw **l-aqwa tagħlim** fuq dawn il-linji.

"Illum l-akbar sfida li fadlilna hija li nagħtu aktar importanza lit-tfal żvantaġġjati li moħħhom ma jgħinhomx jew li ġejjin minn ambjent ħażin. Aħna nemmnu li kull tifel u tifla għandhom dik ix-xi ħaġa tajba ġo fihom u d-dmir tagħna huwa li ngħinuhom jiżviluppaw dan il-potenzjal u fl-istess ħin naraw x'ikun qed joħnoq lit-tfal milli jiżviluppaw it-talenti tagħhom u dan kollox bla ebda ħlas min-naħa tal-ġenituri."

# Riżultati superjuri fl-iskejjel tal-Gvern

**Ir-riżultati fl-'O' u l-'A' levels miksubin minn studenti Maltin din is-sena laħqu l-aqwa livelli li qatt kellu pajjiżna u l-persentaġġi li jgħaddu minn Malta huma daqs u f'ħafna każi aqwa minn studenti ta' pajjiżi oħrajn li joqogħdu għall-istess eżamijiet.**

Dan tħabbar ukoll mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Philip Muscat, waqt li kien qiegħed jitkellem f'Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Sekondarja 'A' tan-Naxxar.

Il-Ministru Muscat qal li paragun bejn ir-**riżultati superjuri ta' l-iskejjel ta' l-Istat** għal dawk ta' l-Iskejjel Privati juri li l-istudenti fl-iskejjel tal-poplu qed igawdu minn sistema edukattiva li mhux biss toffri l-veru tagħlim u tiżviluppalhom il-personalità tagħhom iżda tiksbilhom l-aħjar riżultati akkademiċi.

Il-Ministru Muscat qal li wara li ġie msaħħaħ is-settur sekondarju fejn hemm l-aktar tfal akkademikament motivati, issa d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni qiegħed jikkonċentra fuq dawk it-tfal anqas kapaċi biex jiġu orjentati b'mod li jitgħallmu bla tbatija dak li jistgħu japprezzaw skond l-intelliġenza tagħhom u jkun jiswielhom għall-ħajja. Il-Gvern irid ikompli jsaħħaħ l-iskejjel ta' l-Istat u jagħti lit-tfal kollha l-opportunità li jitgħallmu skond il-kapaċità intellettwali tagħhom. Id-Dipartiment għandu l-ħsieb li jkompli jħarreġ għalliema fir-Remedial Education li diġà tħarrġu f'dan il-qasam minn espert tal-UNESCO. Il-Ministru qal li minn Settembru li ġej se jsiru klassijiet b'kurrikulu speċjali għal tfal batuti fil-livell primarju u sekondarju.

dejjem xtaq u għadu jixtieq, sa issa, illi dak kollu li għandu jsir, isir amikevolment bi ftehim. Però jekk dal-ftehim ma jistax jintlaħaq minħabba n-nuqqas tal-Knisja lokali, allura l-Gvern ma jkollux triq oħra x'jagħmel ħlief jimxi fit-triq li huwa jħoss hija fl-interess tal-poplu kollu.

"Il-paċenzja tal-Gvern qatt ma tintemm. Però xorta waħda l-Gvern għandu l-obbligu lejn il-poplu. Meta jara li t-tul taż-żmien huwa inutli, allura huwa dmir tal-Gvern li ma jistenniex aktar u jmexxi kif iħoss li huwa fl-interess tal-poplu."

Dr K. Mifsud Bonnici kompla jgħid li: "Is-Santa Sede ħadet li 'stand' illi, qabel ma jkun hemm aċċettazzjoni ċara taż-żewġ prinċipji li qed jinsisti fuqhom il-Gvern Malti ħasset illi għandu jkun hemm riżultat tax-xogħol li qed isir lokalment kif ukoll ħasset il-ħtieġa li jkollha konsultazzjonijiet iktar ma' l-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta.

**Taħditiet mal-Vatikan**

"Il-Vatikan kien stieden lill-Gvern Malti f'Awissu ta' l-1981 biex kwistjonijiet li kien hemm bejn il-Gvern Malti u l-Knisja jiġu trattati direttament mal-Vatikan. F'Novembru ta' dik is-sena l-Prim Ministru kien mar Ruma u beda dawk it-taħditiet. Dak in-nhar kien ġie miftiehem illi dawn it-taħditiet jitkomplew wara l-aħħar elezzjoni li saret f'Diċembru ta' l-istess sena mill-aktar fis possibbli. Għalkemm il-Gvern insista illi t-taħditiet jitkomplew mill-aktar fis possibbli, il-Vatikan ma ħassx li seta' jkomplihom qabel Frar ta' l-1983.

"Ma naħsibx huwa ġust li wieħed jgħid illi l-Vatikan qiegħed jindaħal fl-affarijiet lokali. Anzi l-Gvern jaqbel illi l-kwistjonijiet li hemm bejn il-poplu Malti u l-Knisja jiġu trattati fl-ogħla livell. U l-ogħla livell tal-Knisja huwa l-Vatikan."

# Il-Qgħad f'Malta huwa kawża tar-riċessjoni

Waqt li kien qed jindirizza Mass Meeting fiż-Żejtun organizzat mill-Moviment tal-Haddiema bħala parti mill-Festi ta' l-1 ta' Mejju — Labour Day — il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff għamel referenza għan-numru ta' ħaddiema li jinsabu bla xogħol f'Malta kawża tar-riċessjoni li għaddejja bħalissa minnha d-dinja.

Il-Prim Ministru qal li ċertament illum m'għadux iż-żmien meta kien hemm Gvern Nazzjonalista meta l-Maltin bla xogħol setgħu bl-eluf tagħhom jemigraw lejn pajjiżi bħall-Ingilterra, l-Awstralja, Franza u l-Amerika — pajjiżi li dak iż-żmien mhux talli ma kellhomx qgħad iżda talli riedu aktar ħaddiema. Illum, qal il-Prim Ministru, dawn l-istess pajjiżi għandhom qgħad li jlaħħaq minn 10 sa 20 fil-mija. U kieku dawn mhux qegħdin jieklu minn ġewwa, kieku dawn il-pajjiżi ilhom li tkissru.

Rigward is-sitwazzjoni hawn Malta, is-Sur Mintoff fakkar li aħna konna għadna kif qomna fuq saqajna meta laqtitna din ir-riċessjoni. Biss biss Malta minħabba f'hekk din is-sena tilfet 7,170 impieg. U kieku l-Gvern Soċjalista Malti ma kienx bil-għaqal — li meta kellu l-ġid, ħażnu — kieku lanqas lin-nies bla xogħol ma kien ikollu biżżejjed x'itihom.

"Imma aħna ħsibna, u issa qed noħorġu l-miljuni, minn dawk li ħżinna qabel, biex il-ħaddiema tagħna jkunu jistgħu jilbsu u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jieklu".

Il-Prim Ministru qal li l-Gvern Soċjalista ħadem u ħażen; u mhux għax kienet ġejja l-elezzjoni beża' u nefaq kollox u mbagħad wara, ma kien ikollu xejn għal li jista' jinqala'.

"Kellna u bżajna għalihom, kif għandna inkomplu nibżgħu għal dak li hemm illum." Hawn il-Prim Ministru spjega kif għadd ta' pajjiżi, ħafna ikbar minn Malta, minbarra l-ferita tal-qgħad għandhom ukoll dejn nazzjonali u dejn bħala Gvern. "Aħna, Malta, lanqas bħala nazzjon m'għandna dejn. Il-bilanċ tal-pagamenti għadu favur tagħna. Jiġifieri, Malta għadha iddaħħal aktar milli toħroġ"

Il-Prim Ministru fakkar kemm ħadem il-Gvern Soċjalista Malti, sabiex bħala Gvern jinkoraġġixxi u jkabbar is-swieq barranin li huma hekk vitali għall-industrija Maltija. "U issa hemm x'juri, qal il-Prim Ministru, li bil-mod il-mod, frott ta' din il-ħidma kollha, aħna bdejna noħorġu mill-ħofra li konna intortament waqajna fiha."

Għalhekk Malta hemm bżonn li tkompli taħdem u tistinka biex iżżomm is-swieq li għandha u fl-istess ħin tikseb oħrajn ġodda. B'hekk, għall-ġejjieni, xogħol il-ħaddiem Malti jkun ġie salvagwardjat.

# Il-Ministru Freddie Micallef appella lill-bdiewa biex ma jħallux min jinqeda bihom

**Il-Ministru tal-Biedja u Sajd is-Sur Freddie Micallef, dan l-aħħar, fil-Parlament irrifera għal rapporti li dehru f'sezzjoni ta' l-istampa dwar laqgħa li kien għadu kif kellhom l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa u għamel appell lill-bdiewa biex ma jħallux min ikompli jinqeda bihom. Il-Ministru Micallef qal li skond dawn ir-rapporti l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa ddisgustat ruħha għaliex il-Gvern naqas li jikkonsulta magħha qabel iddeċieda s-sistema li kien se juża biex jikkontrolla l-prezzijiet tal-frott.**

**Il-Ministru Micallef spjega li kien il-Gvern stess li mill-ewwel kien qal li, fil-każ tal-frott, irid ikun hemm mekkaniżmu differenti minn dak tal-ħaxix biex jiġu kkontrollati l-prezzijiet.**

Il-Ministru Micallef qal li minn dak li ġara fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena jidher li tal-Partit l-ieħor qed jieħdu spunt mill-politika tal-Gvern dwar l-iffriżar tal-prezzijiet u qabdu ma' sezzjoni tal-bdiewa biex jinqdew bihom kontra l-Gvern.

Il-Ministru żied jgħid li meta kien qed jiġi diskuss il-Budget, huwa kien spjega lill-poplu x'kien ħa l-bidwi taħt Gvern Nazzjonalista paragunat għal dak li tant ibbenefika minnu l-bidwi grazzi għall-politika introdotta mill-Gvern Soċjalista dwar iż-żjidiet fil-pagi u l-mod kif dawn bdew jingħataw indaqs lil kulħadd u mhux bil-perċentaġġ bħal qabel — fejn min kien ikollu ħafna kien jieħu iżjed.

**"Meta ġejna biex nattwaw il-politika ta' l-iffriżar tal-prezzijiet, u jien għidt li s-settur tal-bdiewa hemm bżonn li jerfa' parti mill-piż bħal ħaddieħor, qamu l-irwiefen kollha. U immedjatament wara, nies li qatt ma kienu dehru fil-biedja qabdu mal-protesta tal-bdiewa magħmula minn nies magħrufa għall-kulur politiku tagħhom," żied igħid il-Ministru.**

Il-Ministru Micallef irrefera għal dak li kiteb korrispondent f'ġurnali ta' l-Oppożizzjoni. Il-Ministru Micallef qal li l-familja ta' dan il-korrispondent mhux talli ma sofrietx taħt gvernijiet Laburisti, talli ħadet l-eluf ta' liri f'għajnuniet.

Il-Ministru qal li minn meta saret l-ewwel protesta hu kien assigura lill-bdiewa li mhux se ssirilhom ħsara. L-awtoritajiet governattivi u r-rappreżentanti tal-bdiewa kienu bdew jiltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa biex jaraw oġġett oġġett kif għandhom jinbiegħu.

**Hawn ta' minn isemmi li minkejja dak li akkumula f'Jannar waqt il-protesta. Minkejja li fi Frar imbagħad waqgħu l-prezzijiet. U minkejja li kienu qalu li rmew ħafna prodotti, id-dħul mill-**

**Pitkalija fl-ewwel erba' xhur tas-sena kien kważi daqs tas-sena l-oħra!**

Il-Ministru qal li s-Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni tal-bdiewa qal lill-bdiewa li l-Gvern naqas li jikkonsultahom dwar is-sistema li kellha tintuża fil-każ tal-prezzijiet tal-frott.

Il-Ministru Micallef qal dan mhux minnu, tant, li dan l-aħħar, hu personalment flimkien ma' uffiċjali tad-Dipartiment tal-Biedja kienu stiednu lill-uffiċjali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa biex jiltaqgħu dwar dan is-suġġett. Il-Ministru qal li lill-Assoċjazzjoni, l-Gvern kien qalilha mill-ewwel li kien se jagħmel sistema differenti għall-frott u kien stedina biex tmur għad-diskussjoni.

Minkejja dan, l-Assoċjazzjoni, permezz ta' ittra kienet qalet li mhux lesta tipparteċipa f'xi sistema fejn isir xi kontroll ta' prezzijiet tal-frott.

Il-Ministru hawnhekk żied jgħid li fuq dan is-suġġett, kif ukoll fuq punti oħra, issa diġà saru diskussjonijiet ma' l-Għaqda tal-Bdiewa Progressivi wara li dawn kienu kitbu lid-Dipartiment tal-Biedja dwar dawn il-punti.

Dwar il-kwistjoni ta' l-artijiet, il-Ministru Micallef qal li l-Gvern mill-ewwel kien għamilha ċara li se jevita kemm jista' jkun milli jieħu art għammiela. Il-bidwi dan messu kien jafu.

Il-fatt li ġew ippubblikati liema art huwa maħsub li se tittieħed sar biex ikunu jistgħu jinstemgħu l-kummenti ta' kulħadd. Għadu xejn ma ġie deċiż. Fil-fatt, uffiċjali tad-Dipartiment qed imorru jaraw l-artijiet li ddaħħlu f'dawn il-pjanti. Min illum qed jagħmel plejtu nesa' kemm kienu ħadu artijiet fil-Magħtab, f'Bulebel, fejn inbniet ix-Chatillon u f'ħafna proġetti oħra li kienu saru fi żmien l-Amministrazzjoni Nazzjonalista.

# Il-ħajja tkompli torħos

Għall-ħames xahar wara l-ieħor, l-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut wera roħs fil-ħajja. Dan ir-roħs ifisser li r-rata ta' l-inflazzjoni ikkalkulata fuq l-aħħar 12-il xahar kienet biss ta' 0.1 fil-mija.

Din il-figura ta' inflazzjoni f'Malta hija l-aktar waħda baxxa irreġistrata minn pajjiżi li magħhom Malta għandha rabtiet kummerċjali.

Dan ir-roħs fil-ħajja jirriżulta mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-ħaxix, ta' oġġetti ta' l-ikel, u xorb alkoħoliku, u kif ukoll fil-prezzijiet ta' oġġetti tad-dar. Kien hemm ukoll roħs fil-prezzijiet ta' xi ħwejjeġ u oġġetti oħra, waqt li l-unika żieda reġistrata kienet biss dik fil-prezzijiet tal-ħut.

Dan ir-roħs u tnaqqis kollu huwa riżultat tal-miżuri li ħabbar il-Gvern fil-Budget tas-sena l-oħra u kif ukoll riżultat tar-reviżjoni li saret tal-marġini ta' qliegħ fuq bosta oġġetti oħra li jikkonsma l-poplu.

Dawn il-fatturi għenu biex l-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut niżel b'1.7 fil-mija f'dawn l-aħħar ħames xhur, jiġifieri minn mindu bdiet titħaddem il-politika tal-Gvern imħabbra fil-Budget f'Novembru li għadda.

Dan jikkuntrasta sewwa maż-żieda qawwija fil-għoli tal-ħajja li kien hemm f'diversi pajjiżi li magħhom Malta għandha rabtiet kummerċjali.

Biss biss fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena f'uħud minn dawn il-pajjiżi l-ħajja għoliet sa **għaxra fil-mija** fuq l-istess żmien ta' l-1982.

Kif għedna ir-roħs tal-ħajja f'pajjiżna huwa frott tal-miżuri sodi li ħa l-Gvern Soċjalista Malti meta fl-aħħar Budget stqarr li ebda prezz matul l-1983 ma għandu jkun ogħla minn dak li kien fis-16 ta' Novembru 1982 — meta tħabbar il-Budget għall-1983.

Mhux hekk biss, iżda l-Prim Ministru Dom Mintoff, fix-xandira tiegħu lin-Nazzjon fl-aħħar tas-sena, ħabbar traħħis ta' madwar 5% fuq l-oġġetti essenzjali kollha li jimporta direttament id-Dipartiment tal-Kummerċ.

**Dan it-traħħis u l-miżuri sodi li ħa l-Gvern fil-kontroll ta' l-għoli tal-ħajja, wassal biex illum il-konsumatur, (il-ħaddiem, il-poplu Malti), bl-istess pagi li kellu s-sena l-oħra qiegħed jixtri l-istess prodotti li kien jeħtieġ — saħansitra ferm orħos minn kemm kien jixtrihom qabel il-Budget.**

Ħarsa ħafifa lejn dawn l-eżempji hawn taħt, tikkonferma kemm kienet għaqlija l-politika tal-Gvern Soċjalista fl-oqsma tal-kummerċ u tal-kontroll fuq il-prezzijiet.

| FTIT EŻEMPJI | FL-1982 | ILLUM | ROHS TA' |
|---|---|---|---|
| Gas Cooker | Lm185 | Lm140 | Lm45 |
| Washing Machine | Lm235 | Lm180 | Lm55 |
| Water Heater | Lm 64 | Lm 44 | Lm20 |

**Dawn huma biss eżempji ħfief ta' kif roħsot il-ħajja. Hemm ruxxmata prodotti oħra, minbarra dawk essenzjali, li tagħhom illum hemm prezzijiet fissi — ferm orħos minn dak li kienu fl-1982.**

**Biżżejjed insemmu li hemm karozzi li fl-1982 kienu mmarkati Lm2,700 u llum jinbiegħu b'Lm2,000 biss — roħs ta' Lm700.**

Stampat fl-Istamperija tal-Gvern.